**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 83**

**Data:** **20 ta' Dicembru, 2018**

**Hin:** **12.53 pm**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Carmen Vella* | *Vici Sindku* |
| *Emanuel Muscat* | *Kunsillier* |
| *Shirley-Anne Cecchini* | *Kunsillier* |
| *Anthony Camilleri* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

83.1 Approvazzjoni tal-Minuti tat-82 laqgha tal-Kunsill

83.2 Attivitajiet tal-Milied

83.3 Progetti u Xogholijiet

83.4 Cirkularijiet tad-Dipartiment Gvern Lokali

83.5 Skeda ta' Pagamenti

83.6 Korrispondenza u materji ohra

83.7 Aggornament

---

**83.1 Approvazzjoni tal-Minuti tat-82 laqgha tal-Kunsill**

83.1.1 Il-minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**83.2 Attivitajiet tal-Milied**

83.2.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera meta kienet l-ahhar gurnata biex issir l-ikla annwali tal-Milied fejn sar qbil li din dan ghanha ssir il-Hadd 30 ta' Dicembru fil-Kempinski Hotel, San Lawrenz.

83.2.2 Gie spjegat li nhar is-Sibt 22 ta' Dicembru ser issir zjara mill-E.T. President ta' Malta bhala parti mill-kampanja tal-Istrina. Il-program ta' din l-attivita' gie spjegat fejn ser jinkludi partecipazzjoni mill-orkestrina tar-rahal, iffirmar tal-ktieb 'A History of Gharb' mill-awtur is-Sur Patrick Formosa u mill-President u diskorsi ta' l-okkazjoni. Il-program huwa previst li jintemm fit-8.30pm. Il-Kunsill gie infurmat ukoll li s'issa jidher li inbieghu madwar 80 ktieb mill-Kunsill u ghadhom dehlin l-ordnijiet. Is-Sindku issugerixxa li l-membri tal-Kunsill ghandhom jinghataw kopja b'xejn. Il-Kunsill qabel unanimament

83.2.3 Gie propost sabiex tigi organizzata attivita' ghat-tfal ghaz-zmien tal-festi tal-Milied nhar is-Sibt 5 ta' Jannar gewwa l-Ground tal-football b'animaturi u diversi loghob. Il-Kunsill qabel li din l-attivita' ghandha tigi organizzata.

83.2.4 Il-Vici Sindku staqsiet dwar jekk kienx hemm xi svilupp kif ser jigi organizzata l-parti tat-tfal u tqassim tar-rigali ghal din is-sena. Kien suggerit li ghal din is-sena il-party ghandu jinzamm b'kollaborazzjoni mall-Parrocca nhar il-Hadd 23 ta' Dicembru fis-6pm meta ser ikun hemm ukoll il-kuncert tal-parrocca. Is-Sindku issugerixxa li bhala rigal ghandu jinghata alarm clock.

**83.3 Progetti u Xogholijiet**

83.3.1 Is-Sindku spjega li l-Kunsill ser ikun qed johrog offerta' fis-suq ghal-muturi elettrici u bil-pedali kif diga gie diskuss precedentament sabiex jintuzaw miz-zghazagh bejn 16-18-il sena. Huwa zied jghid li l-ghan tal-Kunsill kien li dawn jaslu malajr kemm jista' jkun sabiex ikun hawn sa Marzu / April 2019. Sabiex jithaffef il-process il-Kunsill qabel li l-offerta' ghandha tinhareg ghal hmistax gimghat biss. Tkompliet id-diskussjoni fejn gie innotat li ser jinghataw 30 gurnata sabiex issir il-konsinna. Bhala muturi dawn iridu jkunu 250watts u velocita' ta' mhux iktar minn 25km/h u jridu jkunu ukoll *pedal assisted*. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi sabiex tigi ppublikata' l-offerta' u tkun fuq is-suq ghal hmistax.

83.3.2 Is-Sindku spjega li bhala progetti tat-toroq il-Kunsill qed jistenna sabiex il-kuntrattur jaghti t-tarmak fi Triq Virtut', Triq San Pietru u Triq Dun Alwig Mizzi. Gie spjegat li l-kuntrattur gie mitlub sabiex jaghmel dawn ix-xogholijiet mill-iktar fis possibli.

83.3.3 Il-Vici Sindku gibdet l-attenzoni li fi Triq Karmni Grima quddiem ir-residenza 'Pepprina' kien hemm parti mit-triq li ghandha bzonn ta' manutenzjoni. Fuq l-istess punt is-Sindku semma li fejn il-palma fi Triq il-Knisja hemm l-istess problema, liema problemi qed jinholqu minhabba t-trakkijiet li qed jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni fiz-zoni msemmija.

83.3.4 Emanuel Muscat staqsa dwar jekk sarux ix-xogholijiet li saru fi Triq San Pietru. Gie spjegat li sabiex saru dawn ix-xogholijiet minhabba li kien ser isir il-festival u ghaldaqstant kienu urgenti, il-Kunsill ma kellux triq ohra hlief li jqabbad kuntrattur iehor peress li xorta l-kuntrattur ma riedx jidhol jaghmel dawn ix-xogholijiet.

83.3.5 Anthony Camilleri staqsa dwar il-parti t'isfel ta' Triq Trux. Is-Sindku spjega li fil-laqgha li kienet saret fejn kien prezenti r-resident kien intlahaq ftehim. Pero' wara l-Kunsill ircieva minghand l-avukat tar-resident imsemmi fejn il-Kunsill gie infurmat li huwa mhuwiex qed jaqbel. Gie spjegat ukoll li f'din it-triq l-livelli kellhom jinzammu ma' dawk originali ghaliex inkella r-residenti kien ser ikollhom problema. Anthony Camilleri insista li ghandha tinsab soluzzjoni. Is-Sindku zied jghid li meta l-perit tar-resident kien wera r-ritratti tat-triq bhala evidenza jidher bic-car li l-livelli baqghu l-istess bhal ma kienu. Anthony Camilleri qal hux possibli li jsir pipe fejn gie spjegat li l-pipe diga qieghed hemm biex jilqa' l-ilma tad-djar u meta saru x-xogholijiet dawn saru bl-approvazzjoni tar-resident innifsu. Tkompliet id-diskussjoni fejn gie innotat ukoll li din it-triq qeghda f'nisla u ghaldaqstant wiehed ma jistax ma jistennix kwantita' ta' ilma. Anthony Camilleri kompla jinsisti li minkejja dan kollu, l-livelli tat-triq setghu saru b'mod differenti. Gie spjegat li kieku inbiddlu l-livelli kienu ser jigu affetwati residenti ohra u ghaldaqstant mhux possibli. Il-Kunsill innota li waqt il-laqgha kien diga hemm qbil li jsir *sleeping policeman* pero' wara dan il-qbil ir-resident rega' biddel il-hsieb tieghu. Soluzzjoni ohra li jista' jkun hemm huwa li jsir pipe iehor ghan-nifs lil pipes tal-culvert u jehlu mall-faccati tad-djar pero' l-problema kienet ser tkun li r-residenti mhux facli li jaccettaw din is-soluzzjoni. Gie innotat ukoll li ssugeriment li kien sar lir-resident kienet li ssir grada quddiem ir-residenza pero' dan ma kienx qabel li ssir quddiem il-propjeta' tieghu u kienet saret iktar 'il fuq. Giet migbuda l-attenzjoni li meta sar il-culvert kienet saret bil-kunsens tieghu u kien gie rrangat d-drenagg tieghu ukoll.

83.3.6 Shirley-Ann Cecchini qalet li resident li ghandu propjeta fi Triq Virtut talab sabiex ikellu mezz kif jimla' l-bir tieghu. Is-Sindku spjega li huwa kien diga tkellem mar-resident u ser issir komunikazzjoni tieghu meta ser ikunu qed isiru x-xogholijiet fuq l-ahhar wicc tat-triq.

83.3.7 Gie spjegat li fir-rigward tal-Progett M4.4 trid tinhareg l-offerta' tal-hitan tas-sejjieh sabiex inkunu nistghu nimxu bil-progett.

83.3.8 Fir-rigward tal-Progett taht il-Mizura 4.3, ix-xogholijiet mexjin u Triq Trux tidher

li hija kwazi lesta ghad baqa’ biss ftit xoghol li jinkludi railing madwar il-gibja ghan-nixa u t-triq tkun lesta. Wara jkunu jistghu jibdew ix-xogholijiet fuq Sqaq ta’ Pawluzzu.

83.3.9 Emanuel Muscat talab sabiex isir tarag fil-parti l-gdida ta’ Triq ta’ Sdieri minhabba facilita’ ta’ access. Il-Kunsill qabel li ghandu jintalab il-Perit sabiex jidhol u jmur fuq il-post biex jara l-possibilita’ li dan isir.

83.3.10 Il-Vici Sindku staqsiet dwar ir-rampa tal-wieri fejn qalet li l-gebel kollu waqa’ isfel.

83.3.11 Il-Vici Sindku semmiet li fi Triq l-Gharb kien hemm bzonn ta’ speed camera minhabba sewqan eccessiv li jsir kontintament f’din it-Triq. Hija offriet li jekk tigi accettata t-talba tehel mad-dar taghha. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lit-Transport Malta u jaghmel din it-talba.

**83.4 Cirkularijiet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali**

83.4.1 Cirkulari SPI 13/2018 – Hrug ta’ Permessi ghal Depozitu ta’ Krejn jew makkinarju. Din ic-cirkulari giet spjegata lill-Kunsillier fejn gie spjegat li issa iz-zmien sabiex wiehed japplika jrid jigi il-Kunsill erba’ t’jiem qabel. Kien suggerit li tali cirkulari ghandha titqassam lill-kuntratturi sabiex ikunu jafu bir-regolament il-gdid.

**83.5 Skeda ta’ Pagamenti**

83.5.1 L-iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill Lokali.

**83.6 Korrispondenza u Materji ohra**

83.6.1 Minghand l-Assocazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn intbghat rikonoxximent lill-membri tal-Kunsill u staff ghaz-zmien tal-festi.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntratt tal-haddiema kien gie iffirmat sabiex jigi evitat li jiehdu l-haddiema mill-Kunsill. Dan il-kuntratt jorbot lill-Kunsill li ghandu jinghata l-*performance bonus* fl-ahhar tas-sena. Il-Kunsill qabel ma’ dan.

83.6.2 Minghand l-Awtorita’ ta’ l-Ippajanar fir-rigward ta’ l-Applikazzjoni numru 4361/16 fejn il-Kunsill gie infurmat li dan l-appell gie rifjutat.

83.6.3 Minghand il-Kunsill ta’ Sala-Baganza li jinsab f’Emilia Romagna fejn taw informazione dwar il-lokalita taghhom u urew ix-xewqa li jiffirmaw gemellagg mall-Kunsill ta’ l-Gharb.

83.6.4 Il-Vici Sindku staqsiet dwar x’kien qed isir gewwa l-Villagg tas-Snajja ta’ Dbiegi. Is-Sindku spjega li dawn kienu qed jorganizzaw Christmas Market. Fuq din in-nota huwa nforma lill-Kunsill li dawn kienu qed jitolbu l-ghajnuna fi provista ta’ sound ghall-attivita’ li ser issir il-Hadd. Il-Kunsill qabel ma’ din it-talba.

83.6.5 Il-Kunsill ircieva talba minghand residenti fi Sqaq l-Arcipriet fejn minn ritratt li bghatu jidher li karozzi ibblukkaw l-access ghal go l-isqaq sabiex isir no parking biex ma jinghalaqx l-access ghall-Isqaq. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir din it-talba lit-Transport Malta.

83.6.6 Emanuel Muscat gibed l-attenzjoni li hemm xi residenti li ma kienux kuntenti bil-bankina li saret min-naha ta' wara tal-Knisja. Fl-istess waqt Anthony Camilleri staqsa ghaiex il-bankina fejn l-ufficcju parrokkjali ma saritx fit-tond. Gie spjegat li fir-rigward tal-bankina ta' wara l-Knisja din saret minhabba safety ghan-nies li jkunu ghaddejin fit-triq filwaqt li l-bankina l-ohra kellha bilfors issir b'dan il-mod anke minhabba li hemm tappiera.

83.6.7 Minghand il-Malta Industrial Parks fejn ghamlu talba ghal reserved parking fi Triq Tumas Cassar oppost id-djar il-godda li qed jinbnew. Gie spjegat li din it-talba kienet qed issir minhabba li l-Villagg tas-Snajja kien sar zona pedonali wara incident li gara. Ir-reserved parking li kienu qed jitolbu kienet ghal hinjiet tal-ftuh tal-villagg innifsu. Tqajjmet diskussjoni dwar dan il-punt fejn Anthony Camilleri qal li huwa ma kienx jaqbed ma' din it-talba ghaliex ir-residenti kien ser ikollhom problema anke biex jidhlu fil-garaxx taghhom. Emanuel Muscat qal li jekk din kienet ser taffettwa lir-residenti taz-zona lanqas huwa ma kien qed jaqbel. Is-Sindku qal li huwa kien qed jissugerixxi sabiex din il-parti tat-triq issir No Parking ghal *Heavy Vehicles.* Il-Kunsill qabel mas-suggeriment li issir No Parking ghal *Heavy Vehicles* pero' ma qabilx li ghandha ssir parkegg riservat.

83.6.8 Is-Sindku spjega li waslet talba minghand l-*objectors* tal-Kamra tan-Nar tal-Gharb sabiex il-Kunsill jitlob li din tinstema quddiem il-bord il-kbir. Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni ta' Emanuel Muscat sabiex johrog mill-kamra minhabba li huwa kienet wiehed mill-*objectors*.
Tkompliet id-diskussjoni fejn gie spjegat li dawn kien inghatalhom permess sabiex japplikaw ghal *full permit*. Sadanittant pero' wiehed mill-*objectors* kien qed jitlob lill-Kunsill sabiex dan jitlob li l-kaz jinstema quddiem il-bord il-kbir fejn la dan jirringwardja l-lokalita' l-Kunsill jista' jaghmel din it-talba. Tkompliet id-diskussjoni fejn is-Sindku ssugerixxa li tintalab l-opinjoni tal-perit u l-avukat u naraw x'jissugerixxu. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**83.7 Aggornament**

83.7.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis 24 ta' Jannar, 2019 fin-12.30 pm.

83.7.2 Il-laqgha spiccat fis-2.20pm.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |